MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 247/2005

**A B f'isimha proprju u bħala kuratrici *"ad litem"* ta' wliedha minuri C u D, u dan b'digriet tas-26 ta' Lulju 2005**

**-vs-**

**E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attriċi preżentat fit-18 ta' April 2013 li permezz tiegħu hija talbet li t-talba tagħha għal separazzjoni titqies ukoll bħala talba għal divorzju skond l-artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili;

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 19 ta' Ġunju 2013;

Rat illi l-konvenut ma jopponix għat-talba u bla dubju mill-atti tal-kawża jirrikorru r-rekwiżiti kollha skond l-artikolu 66F imsemmi;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors imsemmi u tordna li l-ewwel talba tal-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha fejn il-Qorti ġiet mitluba tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet titqies ukoll bħala talba għal divorzju skond l-artikolu 66F fuq imsemmi. Naturalment kif espona l-konvenut fir-risposta tieghu, r-raġunijiet dwar il-mertu tat-talba jibqgħu impreġudikati u jiġu deċiżi mas-sentenza finali.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------